A.L. 44 ta' l-1991

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-13 ta' Marzu, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tas-Swatar, limiti Msida:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,269 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, akkwistata bis-saħħa ta' Riżoluzzjoni Parlamentari tal-4 ta' Lulju, 1983, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 19/91;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,732 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, akkwistata bis-saħħa ta' Riżoluzzjoni Parlamentari tal-4 ta' Lulju, 1983, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 19/91.

(2) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tal-Blat II, limiti Qormi, tal-kejl ta' madwar 2,001 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, bħala parti minn art tal-Gvern akkwistata bis-saħħa tal-Att Nru. 173/83 tal-11 ta' Mejju, 1983 fl-atti tan-Nutar G. Grima u tal-Att Nru. 121/88 tat-18 ta' Mejju, 1988 fl-atti tan-Nutar V. Miceli, u kif delineata bl-aħmar fuq L.D. 23/91.

(3) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Marsaxlokk, limiti ta' Marsaxlokk, tal-kejl ta' madwar 575 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' George Farrugia, minn Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Loreto Gafà, u mill-Lvant u Punent ma' toroq pubbliċi, bħala parti minn art tal-Gvern akkwistata bis-saħħa ta' l-Att Nru. 157/84 tal-1 ta' Awissu, 1984 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini, u kif delineata bl-aħmar fuq L.D. 18/91.

(4) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Sannat, limiti Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' madwar 2,925 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 38/91 (Rural Tenement No. 50296/50298).

(5) Flat numru 1, 21, Triq San Zakkarija, Valletta.

(6) Flat numru 5, Blokk E5, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex, mibnija fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att Nru. 193/77 tal-21 ta' Settembru, 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Grech.